**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha 5 ta' Lulju 2019**

**Appell numru: 1/19**
**Wara sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur ref: CCT/144/18/F datata 21 ta' Jannar, 2019**

**Giovanni u Emmanuela Micallef**

**vs.**

**Charichelon Co. Ltd.**

## Il-Qorti

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur datata 21 ta' Jannar, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

'It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' hames mitt ewro (€500), u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.'

Din id-decizjoni nghatat wara li l-appellati Giovanni u Emmanuel Micallef ressqu ilment kontra s-socjeta' intimata appellanti illi huma (li ghandhom sebghin (70) sena) kienu bbukkjaw vaganza f'Dubai mas-socjeta' intimata bl-akkomodazzjoni u eskursjonijiet b'dawn jiswew elf u mitt Euro (€1,100) eskluz il-biljetti tal-ajru. Skont l-appellati konjugi Micallef meta marru f'Dubai huma sabu li kienu

tpoggew gewwa lukanda li ma kinitx dik reklamata u ghalkemm kienu bbukkjaw 'bed and breakfast' irrizulta li sabiex imorru ghal 'breakfast' kellhom imorru f'lukanda diversa minn dik li kienu fiha. L-appellati allegaw li dan kien ta' tbatija kbira ghalihom minhabba l-eta' taghhom u partikolarment minhabba l-limitazzjonijiet ta' sahha tal-mara. Jallegaw li sabiex jaslu ghall-'breakfast' kellhom jibbukjaw taxis u anki li tilfu xi 'excursions'. Isemmu wkoll li f'xi okkazzjonijiet kien daqq l-alarm tal-lukanda u kellhom johorgu ' l barra. B'hekk talbu rimbors tas-somma ta' €1000.

Fir-risposta taghha s-socjeta' intimata ma cahditx l-allegazzjoni li l-konjugi Micallef kellhom jaqbdu taxis sabiex jaslu ghall-'breakfast' izda fil-bqija kkontestat l-allegazzjonijiet kif ukoll il-quantum tal-ammont mitlub.

Finalment jirrizulta li t-Tribunal laqa' t-talba tal-appellati konjugi Micallef biss *in parte* stante li ghalkemm it-talba kienet ghas-somma ta' elf Euro (€1,000) it-Tribunal iddecieda u akkorda s-somma ta' hames mitt Euro (€500) u dan wara r-ragunament segwenti:

*'It-Tribunal, jinnota li ghal din is-seduta dehru r-rikorrenti, pero' ghas-socjeta' ntimata deher biss l-avukat li ghat-Tribunal dana mhuwiex accettabbli, tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti kienet ghamlet operazzjoni tal-hip replacement illi jidher li s-socjeta' ntimata kienet taf biha, u li mhux ser jippermetti li r-rikorrenti terga' tigi bi tbaghtija kbira ghas-seduta, u b'hekk cahad it-talba ghal-differiment.*

*Sadanittant, it-Tribunal sema' x-xhieda tar-rikorrenti, u d-diversi nuqqasijiet kienu li fil-vaganza li kienu marru, l-breakfast kien ikun go hotel iehor, minkejja li kienu bbukkjaw 5 star hotel inghataw guest house inferjuri u li kellhom jaqbdu taxi biex imorru ghal breakfast u li waqt il-vaganza kellhom lejl fejn daqq l-alarm u kellhom johorgu.*

*It-Tribunal, jinnota illi mhix gusta li bbukkjaw hotel 5 star u nghataw hotel ohra specjalment jekk hija ta' stilel inqas.*

*Fit-tieni lok, lanqas huwa gust li persuna jrid jaqbad taxi minhabba l-problema li kellha tal-hip replacement biex imur ghal breakfast x'imkien iehor.*

*Għall-problema tal-alarm li daqq bil-lejl, din hija xi ħaġa imprevedibbli u li allura m'hemmx control fuqha.'*

2. Rat illi fir-rikors tal-appell, is-socjeta' appellanti qajmet tliet aggravji li l-Qorti ser titratta sepratament.

Is-socjeta' appellanti finalment qed titlob li din il-Qorti:

*'tilqa' l-appell tagħhom billi tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-21 ta' Jannar, 2019, okkorrendo billi tilqa' l-eccezzjonijiet tagħhom, bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellati.'*

Rat li għalkemm l-appellati għażlu li ma jipprezentawx risposta huma attendew għas-smiegħ tal-appell assistiti minn Dr. Edward Gatt u għamlu s-sottomisjonijiet tagħhom lill-Qorti.

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell fis-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2019 u ddifferiet l-appell għad-deċizjoni għal-lum.

4. Illi stante li t-tieni aggravju jeċċepixxi n-nullita' tad-deċizjoni din il-Qorti ser tgħaddi sabiex fl-ewwel lok titratta dan l-aggravju li jaqra kif isegwi:

*'15. Dan l-aggravju jirrigwarda l-fatt illi fid-deċiżjoni tiegħu, t-Tribunal biddel l-okkju tal-kawża biex minflok "Giovanni u Emmanuela Micallef vs. ROCS Group" kif kien indikat fl-avviż, fis-sentenza ġie jaqra 'Giovanni u Emmanuel Micallef vs. Charichelon Co. Ltd.". Huwa minnu li waqt l-udejnza tal-4 ta' Diċembru, 2018 ġiet milqugħa t-talba għall-korrezzjoni fl-isem tal-appellanti, madankollu ma hemmx digriet fl-atti li ordna li mill-okkju tal-kawża jitħassa l-isem 'ROCS Group", izda sempliċiment korrezzjoni, liema korrezzjoni kellha tiġi riflessa fl-okkju tas-0sentenza. Għalhekk, id-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur hija nulla għaliex l-okkju tal-istess huwa żbaljat.'*

Il-Qorti rat il-verbal tal-4 ta' Diċembru, 2018 li dwar l-isem tas-socjeta' intimata jaqra kif isegwi:

'Ir-rikorrenti talbu korrezzjoni tal-isem tal-intimat u li ghandu jinqara Charichelon Ltd. L-intimat jghati ruhu b'notifikat u ma joggezzjonax.'

Illi in vista ta' dak ivverbalizzat din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax li dan it-tieni aggravju mqajjem mis-socjeta' appellata huwa frivolu u vessatorju ghall-ahhar. Fil-verbal saret talba specifika u cioe' li isem l-intimat li sa dak il-hin kien indikat bhala ROCS Group jigi jinqara Charichelon Ltd. Dan neccessarjament kien jirrikjedi li jitnehha l-isem ROCS Group u jiddahhal l-isem Charichelon Ltd floku. Sahansitra r-rapprezentant tal-intimata ta ruhu notifikat b'din il-bidla. Jirrizulta ghalhekk lill-Qorti li l-okkju fid-decizjoni tat-Tribunal huwa indikat b'mod korrett kif kien hemm fuq kollox qbil bejn il-partijiet.

Il-Qorti ma tqisx li ghandha tahli aktar hin fuq dan l-aggravju tant fieragh u bla bazi legali u tghaddi sabiex tichad it-tieni aggravju tas-socjeta' appellant.

5. Illi l-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti jaqra kif isegwi:

*'il-fatt illi t-Tribunal agixxa kontra l-pirncipji ta' gustizzja naturali u mexa bi skwilibriju assolut meta emana decizjoni tieghu minghajr ma ta' l-opportunita lill-appellanti tipproduci x-xhieda taghha in sostenn tal-eccezzjonijiet minnha mressqa liema talba saret fl-ewwel udjenza u qabel ma t-Tribunal ghadda ghas-sentenza. B'dan il-mod giet pregudikata l-appellanti billi gie lez id-dritt aghha ghal smiegh xieraq u dan anke fid-dawl tal-principju bazilari audi alteram partem. Ghalhekk, dan jissarraf fil-pregudizzju inkwadrat fil-paragrafu (c) tat-tieni subinciz ta' l-Artikolu 22 ta' l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta).'*

Is-socjeta' appellanti tipprosegwi fir-rikors tal-appell taghha billi taghmel referenza ghall-gurisprudenza sabiex issahhah l-aggravju taghha bhala bbazat fuq id-dettami tal-gustizzja naturali.

Illi dan l-aggravju jemani mill-fatt li fl-ewwel seduta ffissata quddiem it-Tribunal cioe' dik ta' nhar l-4 ta' Dicembru, 2018 is-socjeta' intimata baghtet l-Avukat sabiex jaghmel talba ghal

differiment sabiex tressaq il-provi taghha f'seduta ohra. Is-socjeta' appellata tinsisti li hija mhux talli ma riditx tressaq il-provi izda anzi talbet appuntu d-differiment sabiex ir-rapprezentant taghha jkun jista' jkun prezenti u jaghti x-xhieda tieghu.

Illi l-Qorti rat l-artikolu 21 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta li jiprovdi li fis-subartikolu 1 li t-Tribunal ghandu jaqta' l-kwistjonijiet f'talba prezentata quddiemu skont kull meritu u gustizzja sostantiva tal-kaz u skont l-ekwita'. L-artikolu 23 (2) (a) jiprovdi wkoll li t-Tribunal ghandu jizgura li kaz ghandu, daqskemm ikun b'mod ragonevoli possibbli jaqta l-kaz fl-istess jum tas-smigh tieghu.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-atti tat-Tribunal fejn ikkonfermat li fl-avviz ta' seduta esebit a fol. 3 tal-process notifikat lill-partijiet jinghad car taht is-sezzjoni tal-avvizi li l-partijiet huma mistennija li jressqu l-provi taghhom fis-seduta li biha jkunu gew notifikati. Fl-avviz ukoll jigi spjegat li jekk xi parti ma tistax tattendi din ghandha tinforma lit-Tribunal bil-miktub (emfasi tal-Qorti) sabiex titlob differiment u l-ghoti tad-differiment jibqa' diskrezzjoni tat-Tribunal.

Jirrizulta li fil-kaz odjern s-socjeta' appellanti fl-ebda mument qabel is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2019 ma nfurmat bil-miktub lit-Tribunal li r-rapprezentant/xhud taghha ma setax jattendi ghas-seduta allura wisq anqas talbet differiment bil-miktub kif giet debitament avzata biex taghmel fl-avviz ta' seduta. Skont il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2018 wara li xehed ir-rikorrenti Giovanni Micallef gie verbalizzat kif isegwi:

*'L-avukat tal-intimat jirrileva li llum hija l-ewwel dehera li fiha kellhom jingabru l-provi tar-rikorrenti u ghalhekk qieghed jitlob li f'seduta ohra jigi rapprezentat tas-socjeta' intimata biex jghati l-provi taghhom.*

*L-intimat qed jitlob li fis-seduta li jmiss jigi rapprezentant ta' Charichelon Ltd biex jixhed. It-Tribunal jichad din it-talba stante li hadd ma deher ghas-socjeta' intimata u lanqas indenja ruhu jibghat email biex jinforma lill dan l-istess Tribunal. F'kull tenut kont tal-fatt lir-rikorrenti ghamlet hip replacement u ma tistax terga tigi hawn.*

*Għal dawn l-istess raġunijiet il-kawża tibqa differita għas-sentenza.'*

Fid-deċiżjoni datata 21 ta' Jannar, 2019 dwar l-istess kwistjoni t-Tribunal ikkunsidra kif isegwi:

*'It-Tribunal, jinnota li għal din is-seduta deħru r-rikorrenti, pero' għas-soċjeta' ntimata deher bis l-avukat li għat-Tribunal dana mhjuwiex accettabbli, tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti kienet għamlet operazzjoni tal-hip replacement illi jidher li s-soċjeta' ntimata kienet taf biha, u li mhux se jippermetti li r-rikorrenti terġa' tiġi bi tbagħtija kbira għas-seduta, u b'hekk ċaħad it-talba għal differiment.'*

Il-Qorti tirrileva li ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 378 ir-regola hi li każijiet quddiem it-Tribunal jinstemgħu u jinqatgħu f'seduta waħda, hija biss l-eċċezzjoni li t-Tribunal jagħti possibilta' ta' aktar minn smiegħ wieħed. Fil-fatt l-avviż fuq l-avviż ta' seduta jagħmilha ċara li l-partijiet kellhom iressqu l-provi kollha tagħhom (u mhux biss ir-rikorrenti), li jekk persuna ma tistax tattendi din għandha tinforma bil-miktub lit-Tribunal qabel is-seduta <u>u mhux waqt is-seduta </u>filwaqt li l-għoti ta' differiment jibqa' xorta waħda diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal. Mill-verbal tas-seduta jirriżulta li t-Tribunal ma akkordax it-talba għal seduta oħra għar-raġuni li s-soċjeta' intimata appuntu ma ottemperatx ruħha mal-avviż li jekk ma setgħetx tattendi jew tressaq ix-xhieda kellha tavża bil-miktub lit-Tribunal qabel is-seduta (ara r-referenza għall-'e-mail'). Il-Qorti f'dawn iċ-ċirkstanzi tqis li n-nuqqas tas-soċjeta' intimata li tressaq il-provi tagħha jista' biss jiġi mputabbli lilha li ma avżatx lit-Tribunal qabel is-seduta li r-rapprezentant tagħha ma setgħax jattendi u ċertament dan in-nuqqas ma jistax jiġi mputat lit-Tribunal. Din il-Qorti wkoll ma temminx li s-soċjeta' intimata setgħet ittella biss persuna waħda minn kumpanija sħiħa sabiex tixhed dwar il-każ in kwistjoni anzi tqis li n-nuqqas u l-iżball kien evidenti fil-fatt li r-rapprezentant tas-soċjeta' vverbalizza erronjament li dik kienet biss l-ewwel <u>seduta ntiża sabiex jingabru l-provi tar-rikorrenti</u> (emfasi tal-Qorti) w'għalhekk kellu jingħata differiment filwaqt li njora d-dettami tal-liġi li kemm jista' jkun każijiet quddiem it-Tribunal għandhom jinqatgħu f'seduta waħda u dak li kien jingħad fl-avviż li s-seduta kienet għas-smiegħ tal-provi tal-partijiet kollha.

Il-Qorti ghaldaqstant in vista tas-suespost ma tqisx li dan l-ewwel aggravju mqajjem mis-socjeta' intimata huwa gjustifikat fic-cirksutanzi u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

6. Illi t-tielet aggravju tas-socjeta' appellanti jaqra kif isegwi:

*'Fis-sustanza imbaghad, il-lezjoni tal-principju ta' gustizzja naturali jitnissel ukoll mill-fatt illi d-decizjoni timporta kundanna ghal danni inkonsistenti ghal kollox mal-provi akkwiziti, kemm fuq pjan fattwali kif ukoll fuq livell guridiku. Ir-rikorrenti talbu l-ammont ta' elf euro (€1,000) bhala danni u qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq zewg binarji. L-ewwel parti ta' l-ilment tar-rikorrenti hija dwar il-fatt illi f'wiehed mill-iljieli daqq tal-alarm tal-lukanda. Din il-parti ta' l-ilment ma gietx milqugha mit-Tribunal. Fit-tieni parti ta' l-iment taghhom, ir-rikorrenti jghidu li kellhom jaqbdu taxi sabiex imorru ghal breakfast gewwa lukanda ohra ghaxar minuti l-boghod. Dan zgur ma jiggustifikax it-talba ghall-hlas ta' danni fl-ammont ta' elf euro (€1,000). Lanqas ma jiggustitfika l-ammont ta' hamess mitt euro (€500) moghti mit-Tribunal. Ma hemm l-ebda prova jew evidenza li jissostanzja dan l-ammont. Huwa minnu li l-Artikolu 21 (1) tal-Att dwar il-Konsumatur jipprovdi li t-Tribunal ghandu jiddeciedi, inter alia, skond ekwita'. Dan madankollu ma ghandux awtomatikament ifisser illi l-istess Tribunal kellu jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-mertu, per ezempju dak kontemplat fl-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi lil min jallega fatt illi jgib il-prova tieghu.'*

Is-socjeta' appellanti tipprosegwi billi tissottometti li l-principju ta' ekwita m'ghandux jigi tradott bhala mezz li jippermetti parti fi proceditment quddiem it-Tribunal biex ma tissostanzjax l-allegazzjonijiet illi hi tqajjem fil-konfront ta' haddiehor u tghaddi sabiex taghmel referenza ghal gurisprudenza f'dan ir-rigward.

Illi l-Qorti rat li fid-dettalji tat-talba r-rikorrent appellat Micallef jindika li hu u martu hallsu lis-socjeta' intimata is-somma ta' elf u mitt Euro (€1100) ghal ghaxart iljieli akkomodazzjoni gewwa Dubai apparti l-flus ghall-biljetti tal-ajru. Jindika wkoll li ghalkemm kienet gie reklamata maghhom lukanda partikolari, meta waslu fuq il-post sabu ruhhom fi blokka ta' appartamenti u sabiex imorru ghall-'breakfast' kellhom imorru f'post iehor ghaxar minuti 'l

boghod tant li minhabba li martu ghamlet 'hip replacement' kellhom ta' kuljum jibbukkjaw 'taxi'. Jilmenta wkoll li f xi'okkazzjonijiet daqq l-alarm tal-lukanda u kellhom johorgu barra bil-lejl bil-pagama. Finalment isostni kif isegwi:

'We are claiming €1000 which covers most of the hotel expenses, the taxis and the tour we missed.'

Illi fir-risposta taghha s-socjeta' intimata fir-rigward tal-allegazzjonijiet da parti tar-rikorrenti li sabiex jiehdu l-breakfast ir-rikorrenti kellhom jaqbdu taxi u jmorru gewwa lukanda, l-istess socjeta' **ma tichadx** dan il-fatt izda tinsisti li dan ma jiggustifikax l-ammont ta' danni mitlub fis-somma ta' elf euro (€1,000). L-allegazzjonijiet l-ohra gew michuda mis-socjeta' intimata.

Illi fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Dicembru, 2018 dwar il-kwistjoni tal-lukanda u l-breakfast ir-rikorrent xehed quddiem it-Tribunal kif isegwi:

'Lanqas kellna breakfast u ma konniex nafu li minghajr breakfast ghax kieku lanqas konna mmorru. Qed nipprezenta brochures fejn juru li lanqas dawk il-postijiet li jidhru fih ma jidhru mill-Hotel. Il-breakfast kien ikollna imorru gewwa Hotel ohra li kienet kwarta il-boghod u li kellna kulljum naqbdu taxi biex imorru. Ahna ibbukkjajna 5 Star Hotel u ma tghawniex 5 Star Hotel.'

Il-qorti rat il-'brochures' li gew esebiti fl-atti tat-Tribunal u tinnota partikolarment li wahda mill-'brochures' esebita indikanti **5*** Jannah Palace Dubai Marina aktar l-isfel hija indikata bhala '4-star'. Certament dan it-tip ta' reklamar seta facilment jisgwida klijent biex jibbukkja minghalih li qed jibbukkja lukanda ta' hames stilel.

Il-Qorti rat ukoll li nonostante li ghax-xhieda tar-rikorrent kien hemm prezenti l-Avukat tas-socjeta' intimata, ma sar l-ebda kontro-ezami da parti tal-istess.

Dwar il-mertu t-Tribunal fid-decizjoni tieghu tal-21 ta' Jannar, 2019 iddecieda kif isegwi:

*'Sadanittant, it-Tribunal sema' x-xhieda tar-rikorrenti, u d-diversi nuqqasijiet kienu li fil-vaganza li kienu marru, l-breakfast kien ikun go hotel iehor, minkejja li kienu bbukkjaw 5 star hotel inghataw guest house inferjuri u li kellhom jaqbdu taxi biex imorru ghal breakfast u liw aqt il-vaganza kellhom lejl fejn daqq l-alarm u kellhom johorgu.*

*It-Tribunal, jinnota illi mhix gusta li bbukkjaw hotel 5 star u nghataw hotel ohra specjalment jekk hija ta' stilel inqas.*

*Fit-tieni lok, lanqas huwa gust li persuna jrid jaqbad taxi minhabba l-problema li kellha tal-hip replacement biex imur ghal breakfast x'imkien iehor.*

*Ghall-problema tal-alarm li daqq bil-lejl, din hija xi haga imprevedibbli u li allura m'hemmx kontroll fuqha.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna li s-socjeta' ntimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' hames mitt ewro (€500), u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' ntimata.'*

Illi l-Qorti jkollha tammetti li fl-atti l-evidenza hija pjuttost skarsa dwar x'effettivament kienu bbukkjaw ir-rikorrenti u dwar spejjez inkorsi partikolarment hlas ta' 'taxis', izda ghandha tirrileva wkoll li dak li xehed ir-rikorrenti lanqas biss sarlu kontro-ezami fuqu.

Illi l-Qorti tirrileva wkoll izda li t-Tribunal ma laqax it-talba kollha tar-rikorrenti izda akkorda biss nofs is-somma pretiza cioe' s-somma ta' hames mitt Euro (€500). Il-Qorti tqis li anki f'kaz li hija taqbad biss il-fatt mhux kontesat mis-socjeta' ntimata cioe' li r-rikorrenti kellhom ghal ghaxart'ijietm jaqbdu 'taxi' biex imorru ghall-'breakfast' dan ifisser allura li t-Tribunal akkorda s-somma ta' hamsin Euro (€50) kuljum ghall-hlas tat-'taxi' u l-inkonvenjent soffert u dan minghajr ma wiehed jiehu tenut kont tal-ilmenti l-ohra mressqa mir-rikorrenti.

Illi din il-Qorti tqis li l-kalkolu li ghamel it-Tribunal fis-somma ta' hamsin Euro (€50) kuljum fic-cirkustanzi tal-kaz u l-provi mressqa

huma ekwi u gusti w'ghalhekk ma tqisx li t-tielet aggravju tas-socjeta' appellanti huwa gjustifikat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi dan l-appell billi tichad l-aggravji kollha tas-socjeta' appellanti u tghaddi sabiex tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur datata 21 ta' Jannar, 2019 fl-ismijiet Giovanni u Emmanuela Micallef vs. Charichelon Co. Ltd.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta appellanti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur